**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 347/22 AL

A B

vs

C B E

(M.R. Numru 1427/2015)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tieghu espona:

1) Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom f'Malta fl-6 Gunju 2015 (DOK A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed, F B fis- 6 Jannar 2018;

2) Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni ppubblikat nhar it-23 ta' Gunju 2021 fl-atti tan-nutar Ian Castaldi Paris (DOK B);

3) Illi l-kontendenti ma baqghux jghixu flimkien għal madwar sentejn u nofs qabel ma sseparaw formalment u ma kien hemm l-ebda reunifikazzjoni bejn il kontendenti minn meta huma bdew jghixu mhux flimkien u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

4) Illi għalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

5) Illi l-esponent qieghed jannetti l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat DOK C.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Previa s smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Awwissu, 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma prezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Gunju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.